# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA L-EWWEL PARTI QORTI KOSTITUZZJONALI

**29 ta' Jannar, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Cacopardo

*versus*

Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet

**Drittijiet Fundamentali – Diskriminazzjoni – Politika – Impjieg – Gvern – Tkeċċija – Ġurnali – Ittri fl-Espressjoni – Libertà ta' – Interess – Ministru**

*Ir-rikorrent, impjegat fit-Taqsima tad-Drenaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet, kien tkeċċa mill-impjieg tiegħu, allegatament billi kien kiteb f'ġurnali lokali. Ir-rikorrent allega li dik it-tkeċċija kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu minħabba raġunijiet politiċi u għalhekk kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, waqt li lliberat lill-Ministru tax-Xogħlijiet billi l-presenza tiegħu fil-kawża ma kinitx meħtieġa,*

*laqgħet it-talbet tar-rikorrent fil-konfront ta' l-intimati l-oħra.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat is-sentenza in kwantu ġie lliberat il-Ministru tax-Xogħlijiet mill-osservanza tal-ġudizzju, u fil-mertu ddeċidiet li ma kienx hemm ksur tal-libertà ta' espressjoni tar-rikorrent, imma t-tkeċċija mill-impjieg kienet tammonta għal diskriminazzjoni politika fil-konfront tiegħu.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-proċeduri għat-tkeċċija mill-impjieg tar-rikorrent kienu ġew instigati mill-Ministeru tax-Xogħlijiet, li għalhekk kien jirriżulta mill-provi li kellu interess evidenti fil-kawża u ma messux ġie lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Il-Qorti kkummentat ukoll li l-poter tal-Qorti li tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha billi kien hemm rimedji oħra disponibbli għar-rikorrent, wieħed imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, u d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-użu ta' dik id-diskrezzjoni ma kellhiex tiġi ddisturbata sakemm ma tkunx manifestament erroneja.*

*Dwar il-mertu l-Qorti osservat li d-dritt tal-libertà ta' espressjoni m'hux wieħed assolut imma ċirkoskritt minn esiġenzi ta' ordni pubbliku u konsiderazzjonijiet oħra. Il-kariga pubblika tar-rikorrent kienet tikkomporta magħha limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-dritt ta' espressjoni.*

*Però billi kien hemm persuni f'Dipartimenti oħra tal-Gvern li ppublikaw artikoli fil-ġurnali mingħajr ma ttieħdu passi dixxiplinari fil-konfront tagħhom kien evidenti li kien hemm, fil-konfront tar-rikorrent, diskriminazzjoni politika.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Carmel Cacopardo fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih, wara li esponą illi huwa jaħdem fit-Taqsima tad-drenaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet u ggradwa bħala Perit

f'Diċembru, 1982 għalkemm sal-lum baqa' ma ngħatax il-"*warrant*" ta' perit minkejja li għandu l-kwalifiki meħtieġa;

Illi fit-3 ta' Ottubru, 1984 huwa ġie avżat mill-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, l-intimat Godwin Drago, illi kien ser jiġi mkeċċi mill-impjieg;

Illi r-raġuni mogħtija verbalment għat-tkeċċija kienet il-kitba ta' l-esponent fil-ġurnali – b'riferenza għall-artikoi "Emanċipazzjoni?", "Il-Pedamenti tar-Repubblika", "Meta se Nibdew (1)" u "Meta se Nibdew (2)";

Illi t-tkeċċija tiegħu ġiet ikkomunikata lilu bil-miktub fit-8 ta' Ottubru, 1984 mingħajr ma ngħatat raġuni bil-miktub għaliha;

Illi fid-9 ta' Ottubru, 1984 huwa ġie maħruġ 'il barra mill-uffiċċju mill-Pulizija;

Illi t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg tiegħu tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu, *ai termini* ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u dan *in vista* tal-fatt illi diversi persuni li jaħdmu mal-Gvern b'fehmiet politiċi li jissimpatizzaw mal-Partit fil-Gvern jiktbu artikolu regolarment fil-ġurnali anke politiċi mingħajr ma ttieħdu ebda passi kontra tagħhom;

Illi inoltre, ir-raġuni għat-tkeċċija mogħtija, ċjoè l-kitba tiegħu fil-ġurnali, tammonta għal ksur tal-libertà ta' l-espressjoni kif maħsuba fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni;

Talab għaldaqstant illi dik il-Qorti (1) tiddikjara u tiddeċidi illi t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg tammonta għal diskriminazzjoni

minħabba l-opinjoni politika tiegħu u tikser id-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni; (2) tħassar it-tkeċċija tiegħu mill-impjieg; u (3) tagħti kwalunkwe ordni jew direttiva li tqis xierqa biex jiġu adegwatament protetti d-drittijiet u l-interessi tar-rikorrent;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati *nomine;*

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet li ssottomettew:

1. Illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedju li għandu li jadixxi t-Tribunal Industrijali fi Proċeduri kontra t-tkeċċija tiegħu, għat-tenur ta' l-Att 1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, u għalhekk il-Qorti għat-tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti skond id-disposizzjonijiet iċċitati mir-rikorrent;

2. Illi l-Ministru tax-Xogħlijiet ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet jidher għan-nom u in rappreżentanza tad-Dipartiment tiegħu fi proċeduri Ġudizzjarji fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-attivitajiet ta' dak id-Dipartiment u l-ġudizzju huwa integru mingħajr in-neċessità li ma' l-Aġent Direttur ikun hemm anki fil-kawża l-Ministru; u

3. Illi fil-mertu, id-domandi huma mingħajr bażi tant għar-rigward ta' l-allegazzjoni ta' ksur tal-libertà ta' l-espressjoni taħt l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni, u kemm għar-rigward ta' l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, peress illi hija raġuni valida ta' tkeċċija l-kritika dispreġjattiva kontra l-Gvern b'artikoli ppubblikati fil-ġurnali minn persuna mħallsa minn flus il-poplu; u għalhekk fi kwalunkwe każ id-domandi għandhom

*jiġu miċħudin bl-ispejjeż;*

Rat ir-rikors ulterjuri ta' l-intimati ddatat 12 ta' Novembru, 1984, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u d-digriet relattiv;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Ġunju, 1985, li ddikjarat fl-ewwel lok illi t-taħrika fil-kawża, ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet ma kinitx meħtieġa u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni tiegħu f'dan ir-rigward u ordnat *li jiġi lliberat* mill-osservanza tal-ġudizzju a spejjeż tar-rikorrent; fit-tieni lok, imbagħad tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti Carmel Cacopardo kif dedotti fir-rikors fil-konfront ta' l-intimat Aġent Direttur, jew Direttur skond il-każ, tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet bħala l-persuna responsabbli u dana billi:

1. Tiddikjara illi t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu, kif ukoll, għalkemm b'ammont ta' riserva kif ġà ntqal dwar dan il-kap, kienet tikser id-dritt tiegħu għal-libertà ta' espressjoni;

2. Tħassar għalhekk b'ordni tagħha din it-tkeċċija mill-impjieg; u

3. Konsegwentement, tikkundanna u tordna lill-intimat Aġent Direttur/Direttur bħal kap tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet li jħallas lill-impjegat tiegħu Carmel Cacopardo s-salarju, *"bonus"*, u kumpensi u benefiċċji oħra kollha mingħajr tnaqqis u għal liema seta' kkwalifika b'effett mid-data tat-tkeċċija kif lilu kkomunikata; u

4. Fl-aħħarnett, tikkundanna lill-imsemmi intimat Aġent

Direttur/Direttur tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet li jħallas l-ispejjeż kollha ġudizzjarji minbarra dawk relattivi għall-intimat l-ieħor li dwarhom il-Qorti diġà ddeliberat; u dan wara li kkunsidrat il-fatti:

*Omissis;*

Niġu issa għall-aspetti legali ta' l-istanza. Ir-rikorrenti bbaża t-talbiet tiegħu fuq allegat ksur ta' żewġ disposizzjonijiet ewlenin fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u ċjoè;

*Omissis;*

L-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati tgħid lir-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedju li għandu li jadixxi t-Tribunal Industrijali fi proċeduri kontra t-tkeċċija tiegħu skond dak li hemm dispost fl-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. Għalhekk, eċċepew l-intimati din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni għandha tiddeklina li teżerċita s-setgħa fiha vestiti skond id-disposizzjonijiet ċċitati mir-rikorrenti. Il-Qorti tibda biex tosserva li dan il-"*proviso*" li jinsab fl-artikolu 47(2) qiegħed jiġi ċċitat *per via di eccezione* f'diversi kawżi kostituzzjonali. Fil-fatt dan il-*proviso* m'għandux jitqiegħed bħala xi rekwiżit neċessarju li l-Qorti trid tidħol fih, jekk mhux ukoll fl-istadju preliminari ta' l-istanza kif żbaljatament ġie sostnut *aliunde* (ara però d-deċiżjoni preliminari mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Kostituzzjonali, *in re:* **J. Azzopardi** *vs* **Kummissarju tal-Pulizija** *et* mogħtija fis-6 ta' Mejju, 1985, fejn intqal ukoll "li ma jirriżulta minn imkien illi f'xi stadju, qabel is-sentenza finali li l-ewwel Qorti trid tiddeċidi bil-fors u separatament eċċezzjoni simili"). Fir-risposta tagħhom l-intimati użaw il-verb "**għandha** tiddeklina". Issa l-kelma "għandha" tista' tiftiehem f'aktar minn

sens wieħed għax in effett tkopri wkoll il-kelma *"shall"* li tmur kontra dak li tgħid il-Kostituzzjoni li tuża l-verb "tista'" fit-*test* Malti u l-kelma *"may"* (u mhux *"shall"* fit-*test* Ingliż. Mela, skond il-Kostituzzjoni din il-Qorti għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kawżi bħal din intavolata mir-rikorrent għax hija msejsa proprju fuq l-artikolu 46 u 42, **iżda tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond is-subartikolu 2 ta' l-artikolu 42** f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna. L-ewwel konsiderazzjoni li temerġi minn dan id-dispost ċar tal-Kostituzzjoni hija li tali deċiżjoni dwar jekk f'tali każ għandhiex hija teżerċita s-setgħat tagħha jew le hija **prerogattiva tagħha** u ta' ħadd iżjed. Naturalment, il-Qorti tifhem li l-leġislatur ma inseriex *"proviso"* bħal dan bla skop. Min-naħa l-waħda ma riedx jipprekludi liċ-ċittadin milli jkollu d-dritt li fil-każi msemmija mill-Kostituzzjoni jadixxi lill-Qorti Ċivili bħala Qorti Kostituzzjonali, u min-naħa l-oħra ħalla latitudini ġustifikata u raġonevoli li f'idejn l-istess Qorti biex fiċ-ċirkostanzi msemmija tagħżel hi x'għandha tagħmel u b'hekk ukoll jiġi żgurat li fejn hemm mezzi oħra xierqa ta' rimedju mhux kulħadd minflok imur dritt quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fuq kull allegat ksur tal-preċitat artikoli. Issa, f'din l-istanza l-intimati wieġbu li fil-fatt ir-rikorrenti kellu mezz xieraq ta' rimedju li messu eżawrixxa f'kull każ qabel ġie quddiem din il-Qorti u dan billi pproċeda quddiem it-Tribunal Industrijali kif hemm ipprospettat f'każ ta' tkeċċija simili fl-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. L-intimati baqgħu jsostnu li sal-mument li r-rikorrenti safa mkeċċi huwa baqa' bl-*istatus* ta' student-ħaddiem, liema *status* huwa rregolat bl-*"Education Act"* li ***a sua volta*** jirreferi każijiet simili għal quddiem it-Tribunal Industrijali a differenza per eżempju ta' uffiċjali pubbliċi

impjegati mal-Gvern li m'għandhomx tali mezz ta' rimedju. Ir-rikorrenti kkontesta għal kollox l-asserzjoni ta' l-intimati li huwa wara li ħa l-lawrja, baqa' student-ħaddiem;

Iż-żewġ naħat, *tramite* l-abili difensuri rispettivi tagħhom, ġabu diversi raġunijiet in sostenn tat-teżi tagħhom;

*Omissis;*

Dan kollu qiegħed jingħad għar-raġuni li fid-deliberazzjonijiet tagħha dwar id-desiderabilità *o meno* li tapplika l-***proviso*** ta' l-art. 47(2) fuq imsemmi l-Qorti għandha żżomm dejjem quddiem għajnejha ta' l-anqas dawn iż-żewġ konsiderazzjonijiet li sejra ssemmi, u ċjoè:

1. li l-mezz xieraq għar-rimedju jkun wieħed ċert u mhux dubjuż; u

2. il-każ fih innifsu huwa wieħed li, apparti s-serjetà u l-gravità tiegħu, ikun qiegħed jirreka danni u preġudizzju kontinwu lill-parti interessata;

Għalhekk, ngħidu aħna, altru każ fejn ġiet imposta piena perkunarja jew sospensjoni għal żmien definit u altru każ ta' tkeċċija permanenti mill-post tax-xogħol. Ikun biżżejjed f'dan ir-rigward li jsir aċċenn għal dak li kellha xi tgħid il-Qorti Kostituzzjonali (Sede Appell) *in re:* **Eċċ. Tiegħu Rev.ma Mons. Arċ. G. Mercieca *vs* l-Onor. Prim Ministru** *et* mogħtija fit-22 ta' Ottubru, 1984 fejn ***inter alia*** ġie mtenni l-preċett li:

"Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-

individwu (*li żgur għandu jlewwen l-interpretazzjoni kollha tal-kostituzzjoni, għax altrimenti jkun biss ftaħira u tfanfira – ħaġa li mhix presumibbli f'dokument serju bħalma hi l-Kostituzzjoni tal-pajjiż*)....."; 

Dwar l-ewwel konsiderazzjoni l-Qorti ma tistax taċċetta l-element ta' żmien bħala xi nuqqas ta' rimedju jew il-fatt biex tmur quddiem it-Tribunal Industrijali jrid jirriferilek il-każ il-Ministru tiegħek bħala "*employer*" – *kif* ta *'l-Qorti x'tifhem* id-difensur tar-rikorrent. F'dan il-każ però wieħed irid jirrikonoxxi wkoll li r-rikorrent qiegħed jallega trattament differenti u punittiv fil-każ biss tiegħu minħabba l-aġir dirett ta' l-intimat Ministru. F'kull każ ukoll, u hawnhekk għandu raġuni sħiħ ir-rikorrenti, huwa qajla seta' jadixxi lit-Tribunal Industrijali għax b'hekk ikun qiegħed idgħajjef il-każ tiegħu stess, kif diġà ngħad, minħabba l-fatt li s'issa huwa jikkontesta li baqa' jikkwalifika bħala student-ħaddiem. F'dan is-sens għalhekk id-deċiżjonijiet *in re:* **De Jongh, Baljet u Van den Brink** (2/1983/58/88 – 90) u *re:* **Van Droogen Broeck** mogħtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (ara Dok. CC1 u Dok. CC2 – a fol. 159 – 162) u msemmija mid-difensur tar-rikorrent waq it-trattazzjoni finali, ma japplikawx għal dan il-każ kif pretiż mir-rikorrent. Kieku l-posizzjoni tar-rikorrenti fid-Dipartiment kienet tabilħaqq inekwivoka ma jistax jingħad li huwa ma kellux rimedju xieraq x'jeżawrixxi;

Il-Qorti, għalhekk, fid-dawl tal-premess, għażlet li f'dan il-każ għandha tisma' u tiddeċidi l-każ hi skond l-istess Kostituzzjoni u f'dan is-sens għalhekk qiegħda tiddelibera dwar l-ewwel paragrafu tar-risposta ta' l-intimat;

It-tieni parti tar-risposta ta' l-intimati m'hix ħlief eċċezzjoni

ta' natura legali, jiġifieri jekk l-intimat Ministru tax-Xogħlijiet ġiex imħarrek inutilment jew inkella le, u kwindi għandux jinħareġ jew le mill-istanza;

Dan l-intimat, fil-kors tal-kawża ppreżenta wkoll rikors biex possibilment din l-eċċezzjoni tiġi deċiża qabel il-bqija tal-każ, iżda l-Qorti qieset li dan ma setgħetx tagħmlu qabel ma tkun l-ewwel semgħet il-provi kollha tal-partijiet u s-sottomissjonijiet tagħhom. L-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet isostni li billi l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet jidher għan-nom u in rappresentanza tad-Dipartiment tiegħu fi proċeduri ġudizzjarji fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġestjoni u l-attivitajiet ta' dak id-Dipartiment għalhekk il-ġudizzju huwa integru, mingħajr in-neċessità li ma' l-Aġent Direttur ikun hemm anki fil-kawża l-Ministru. Wara li semgħet x'kellhom xi jgħidu l-partijiet fil-fehma tal-Qorti din l-eċċezzjoni ta' l-intimat Ministru tidher valida u fondata. Il-fatt li l-Ministru sar edott b'dak illi ġara u m'għamel xejn biex iżomm it-tkeċċija tar-rikorrent ma jfissirx allura li kien hemm għalfejn li jitħarrek huwa wkoll. Meta ġie biex jistitwixxi l-istanza, il-Qorti tista' tifhem li r-rikorrenti ried ikun ċert li ma jinqabadx f'nuqqas proċedurali f'dak li huwa leġittimu kontradittur tiegħu, iżda *nonostante* d-dikjarazzjoni ta' l-intimat Aġent Direttur fejn assuma hu r-responsabbilità kollha għat-tkeċċija u qal ukoll li ma ndaħallu ħadd fid-deċiżjoni tiegħu, ir-rikorrenti xorta waħda baqa' jgħid li l-intimati għandhom jibqgħu t-tnejn kemm huma fil-kawża. L-ordni tat-tkeċċija nħarġet esklussivament mingħand l-intimat Aġent Direttur tad-Dipartiment u dan qatt ma pprova jixħet l-oneru jew ir-responsabbilità għad-deċiżjoni li ħa fuq xi ħaddieħor, kompriż l-intimat l-ieħor, u għalhekk jidher li *in ultima analisi* dak li ġie eċċepit mill-intimat Ministru huwa legalment korrett. Dan ifisser li l-Ministru ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi

lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju skond il-liġi. Ir-rikorrenti ssottometta li ġaladarba l-intimat Ministru ma telax jixhed biex jinnega li kien b'xi mod involut fil-viċenda, allura jfisser li dak *li ġie allegat kontrih huwa minnu*. Dan l-argument mhux sorrett mil-liġi għaliex il-prinċipju hawn hu li *ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat*. Billi l-intimat Ministru ġie miġjub *au courant* ta' dak li kien qiegħed jiġri ma jfissirx ukoll li jrid jitħarrek f'din l-istanza meta l-persuna legalment responsabbli assumiet mingħajr tlaqiq tali responsabbilità tal-fatti;

Niġu issa għall-mertu proprju ta' l-istanza. L-ewwel vjolazzjoni kostituzzjonali ċċitati mir-rikorrenti huwa ksur għad-detriment tiegħu ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni billi t-tkeċċija tar-rikorrenti kienet tammota għal diskriminazzjoni minħabba opinjoni politika, u dan *in vista* tal-fatt illi diversi persuni li jaħdmu mal-Gvern b'fehmiet politiċi li jissimpattizzaw mal-Partit fil-Gvern jiktub artikolu regolarment fil-ġurnati anke politiċi mingħajr ma ttieħdu ebda passi kontra tagħhom. L-intimati rrispondew billi qalu li t-talba hi bla bażi "peress li hija raġuni valida ta' tkeċċija l-kritika dispreġjattiva kontra l-Gvern b'artikoli ppubblikati fil-ġurnali minn persuni mħallsa minn flus il-poplu";

*L-ewwel osservazzjoni tal-Qorti meta rat ir-risposta ta' l-*intimati hi li dwar l-allegazzjoni revolat kontrihom ta' diskriminazzjoni huma proprjament ma ċaħduhiex, anzi bħal ippruvaw jimmotivawha biex jiġġustifikawha. It-tifsira popolari tal-kelma "tiddistingwi" hija dak l-att li bih taqsam jew tiddistingwi, li tagħmel differenza minn wieħed għal ieħor, li tagħti trattament differenti jew divers. Waħda mit-tifsiriet li jagħti l-***Webster's New World Dictionery*** *(Nelson, Poster & Scott)* tal-kelma *"discrimination"* hija, *"showing a partially or prejudice in treatment; specifically action or policies directed*

*against the welfare of minority groups";*

F'artikolu ntitolat ***"The Right to Evenhanded Administration of the Law"*** *miktub mill-Professur Jack Greenberg (vide* ***The Supreme Court and Human Rights*** *– Edit. Burke Marshall, Forum Series, 1982,* Artikolu 12, paġ. 142) l-awtur jissentitzza l-isfond ta' dan id-dritt ta' l-individwu hekk:

*"Two conflicting factors have been at work in these legal developments. On the one hand, it is impossible to treat everyone in every situation the same way. There has to be relevant and reasonable discrimination among situation and persons;*

*On the other hand, all of us instinctively rebel against arbitrary discriminations that are not based on meaningful differences. The first instinct of every child is to say "why did you punish me that way but not punish him?" or "why did you give him something and not give it to me?". It is a natural reaction. It is human nature to want to be treated the same as others;*

*If a good reason can be given, the child might accept it. We adults, and, indeed, all who function in organized society feel the same way. If an adequate reason for making a distinction is there, it will usually be accepted, even if grudgingly. But people will not stand for arbitrary discriminations, such as those based on race or color or those used to achieve inappropriate goals";*

L-istess awtur jagħmel imbagħad aċċenn għall-każ re: ***Yick Wo vs Hopkins*** deċiż mill-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u jiċċita l-bran li ġej:

"Though the law itself be fair on its face and impartial in appearance, yet, if it is applied and administered by public authority with an evil eye and an unequal hand so as practically to make unjust and illegal discriminations between persons in similar circumstances material to their rights, the debail of equal justice is still within the prohibition of the Constitution";

Għandu jingħad li l-intimat Aġent Direttur ma qalx taħt liema liġi kien aġixxa biex ikeċċi lir-rikorrenti. Lir-rikorrenti qallu biss li r-raġuni kienet għax **kiteb** l-artikoli esebiti (ara Dok. A3 fol. 26). Imma bħalma r-rikorrenti kien qiegħed jikteb f'ġurnali lokali bħalu kien hemm studenti-ħaddiema u impjegati mal-Gvern li kienu qegħdin jiktbu **wkoll**. Kontra dawn, u hawn issir riferenza għax-xiehda hawn ġà riportata ta' Jimmy Vella, *Inspector* fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, Christopher Fearne, student-ħaddiem addett mad-Dipartiment tas-Saħħa, John Baldacchino, student-ħaddiem addett mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Michael Schembri, student-ħaddiem mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Dottor Lawrence Mintoff student-ħaddiem u issa *Professional Officer I* mal-Gvern, ma ttieħdu **ebda** proċeduri u ma ġew inflitti **ebda** pieni. L-intimat Aġent Direttur wieġeb li hu responsabbli biss għal dak li jiġri fid-Dipartiment tiegħu u fl-unika każ ieħor rappurtat lilu huwa ħa passi wkoll. Dan l-argument m'huwiex legalment aċċettabbli għaliex *una volta* illi l-intimat Aġent Direttur assuma hu r-responsabbilità kien fid-dover illi jara x'jiġri f'każijiet simili f'Dipartiment governattivi oħrajn. Huwa tassew assurd li jkun hawn sitwazzjoni fejn ħaddiem jew student "Dipartiment mod jitħalla jikteb f'ġurnali lokali, inklużi ġurnali politiċi, u ieħor li jagħmel l-**istess** però f'Dipartiment ieħor – dejjem però governattiv – jitkeċċa mill-impjieg mingħajr l-anqas biss opportunità li jagħti spjegazzjoni biex jiddefendi ruħu. Is-Sur

Drago xehed li huwa wasal għad-deċiżjoni tiegħu billi deherlu li l-kontenut tal-kitbiet kien *"harmful"* lill-amministrazzjoni (ara fol. 51). Wieġeb bl-istess mod f'din l-istanza meta mmotiva t-tkeċċija minħabba "l-kritika dispregjattiva" tal-kitbiet. Għall-intimat Aġent Direttur dawn jammontaw għal "ġusta kawża" li tissemma fil-*"conditions of Employment Regulations Act ta' l-1952"*. Imma l-Qorti għandha tħares **b'mod oġġettiv fuq il-fatti li jirriżultaw** u apparti minn dak li seta' ħaseb xi ħadd f'Dipartiment partikolari ad esklużjoni ta' dak li qiegħed jiġri f'Dipartimenti oħrajn immexxijin taħt l-istess liġijiet u regolamenti. Il-Qrati tgħna diġà ppronunzjaw irwieħhom in propożitu. *In re:* **Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni** ta' l-14 ta' Lulju, 1979, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

"F'każijiet analogi l-Qorti tagħti importanza u tħares lejn il-fatti li jirriżultaw u mhux lejn il-movent ta' min ikun allegatament aġixxa b'mod diskriminatorju peress li l-Qorti tifhem li l-artikolu 46(3) għandu jiġi interpretat b'mod li ma jinħtiġx li r-rikorrent jipprova b'xi mod li l-intimat aġixxa b'xi movent politiku kontra r-rikorrent";

L-intimat Aġent Direttur, fi kliem ieħor, ma setax jadotta proċeduri differenzjati jew differenti minn oħrajn viġenti f'Dipartimenti oħra tal-Gvern. Imbagħad, f'kull każ, tenut kont tal-fatt li l-kitba kienet kritika anti-governattiva jew ta' teorija politika, wieħed irid iqis ukoll jekk kienx hemm sens ta' proporzjonalità bejn il-piena inflitta u l-iskop viżwalizzat. Fis-sottomissjonijiet orali, l-intimat aċċenna għall-interess pubbliku, u l-ordni pubbliku. Bir-rispett kollu lejn l-abili patroċinat, a parti li ma ġiet indikata l-ebda liġi speċifika li permezz tagħha r-rikorrent kien prekluż milli jikteb kitba ta' kritika għax inkella jitkeċċa minnufih, il-Qorti ma ratx daqstant allarm ta' l-opinjoni

pubbliku bil-kitba tar-rikorrenti. Taħt kull aspett, il-miżura addottata mill-intimat Aġent Direttur kienet waħda bla bażi objettiva f'dawk li huma fatti riżultanti, kif ukoll kienet waħda sproporzjonata;

Fil-kawża **Av. Dott. T. Borg** ***nomine et vs*** **Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali (Prim'Istanza) fit-2 ta' Mejju, 1984, intqal:

"Illi in tema legali jingħad.....li mhux kull differenzazzjoni jew diżugwaljanza ta' trattament huma "*per se*" diskriminazzjoni *entro* l-projbizzjoni ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Fi kliem ieħor il-Kunċett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jiġi estiż fis-sens assolut jew aritmetiku divorzjat miċ-ċirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qed tiġi eżaminata. **Differenzazzjoni, biex tkun leġittima trid tirpoża fuq bażi objettiva** u **raġonevoli,** tenut kont ta' l-għan u effetti tal-miżura in eżami, u jrid ikun hemm rapport raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi impjegati u l-iskop viżwalizzat";

(Ara wkoll id-deċiżjoni Kostituzzjonali *in re:* **E. Vassallo** ***vs*** **Kummissarju tal-Pulizija** mogħtija fis-16 ta' Awissu, 1976; u oħra mogħtija minn din il-Qorti, kif ippresjeduta, *in re* **Joseph Galea** ***nomine vs*** **Onor. Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi** deċiża fil-25 ta' Mejju, 1984 pendenti fl-Appell);

Fil-fehma tal-Qorti l-aġir u d-deċiżjoni aħħarija ta' l-intimat Aġent Direttur fir-rigward tat-tkeċċija mill-impjieg tar-rikorrent tippekka "*squarely and fairly*" kontra l-prinċipji kollha hawn fuq enunċjati. U jekk ir-risposta ta' l-intimati kif redatta fit-tielet paragrafu fol. 5 u 6 għandha tinftiehem – *dato* l-fatti kif emersi

– li jekk tikteb f'ġurnal pro-governattiv jew politiku **mhux** bi kritika kontra (bil-permess jew mingħajr), ma jittieħdu l-ebda passi ta' kwalsiasi xorta; **mentri** jekk tikteb f'ġurnal politiku bi kritika kontra allura fl-interess pubbliku għandek titkeċċa mill-impjieg għaliex "qed titħallas bi flus il-poplu", allura tali risposta mhux biss legalment infondata u inaċċettabbli imma wkoll ripunjanti għas-sistema demokratika ta' pajjiżna kif proprju hemm imnizzel fl-ewwel (1) artikolu tal-Kostituzzjoni ġà ċċitat supra. Għalhekk, il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li f'dan il-każ, ir-rikorrent ġab provi sodisfaċenti biex jiddimostra li ġie ttrattat b'mod diskriminatorju mill-Aġent Direttur tad-Dipartiment fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu ta' kap ta' l-istess Dipartiment. F'soċjetà demokratika bħalma hija tagħna l-aġir diskriminatorju ta' l-intimat Aġent Direttur ma kienx raġonevolment ġustifikabbli. Altru timponi xi restrizzjoni ġustifikata *in forza* tal-liġi u altru tkeċċija minn impjieg fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija;

Barra mis-suespost, ir-rikorrenti jallega li saret vjolazzjoni oħra tad-drittijiet fundamentali tiegħu bħala ċittadin bi ksur ta' l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni. Skond l-artikolu 42, ħlief bil-kunsens tiegħu, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda l-libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil u li jikkomunika idejat u tagħrif mingħajr indħil kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew li xi persuna jew klassi ta' persuni. Ir-rikorrenti jgħid illi r-raġuni mogħtija tiegħu f'ġurnali, tammonta għal ksur ta' dan id-dispositiv. L-intimati taw l-istess risposta bħal dik fil-każ ta' l-allegata diskriminazzjoni;

Dan il-prinċipju tal-libertà ta' espressjoni mhux wieħed assolut. Di fatti, it-tieni sub-artikolu ta' l-artikolu 42 jgħid li ebda

ħaġa magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi m'għandha titqies inkonsistenti mal-libertà ta' espressjoni, purchè l-provvediment tal-liġi jkun raġonevolment meħtieġ fl-interess ta' l-ordni pubbliku jew, fost każi oħra elenkati, li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi, u l-ħaġa magħmula taħtu tkun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika. Il-Qorti semmiet dawn l-eżempji bħala eċċezzjonijiet għall-prinċipju, għaliex huma dawk imsemmija mill-partijiet waqt is-sottomissjoni tagħhom orali in propożitu. L-intimati, permezz tad-difensur tagħhom għamlu wkoll aċċenn għall-artikolu 33 u semmew li t-tkeċċija saret fl-interess pubbliku, skond kif hemm fl-artikolu 42(2) li juża kliem u frażijiet bħal *"in the interests of.....public order"* u *"reasonsably justifiable in a democratic society"*. Deċiżjoni importanti tal-Qrati tagħna (Sede Appell Kostituzzjonali) hija dik fl-ismijiet **Mons. Philip Calleja vs Spettur Denis Balzan** mogħtija fil-25 ta' Ġunju, 1976. F'dan il-każ issemmiet il-Qorti Suprema ta' l-Indja li ***a sua volta,*** irriteniet li l-espressjoni *"in the interests of"* hija ferm aktar ampja minn dik *"for the maintenance of"* b'mod li tkopri dikjarazzjonijiet u kliem li, għalkemm ma jkunux attwalment jikkostitwixxu reat, pure jkollhom il-potenzjalità li jikkaġjonaw diżordni pubbliku *(Vide **Ramji Lal vs State of Uttar Pradesh,** 1957, A.I.R., S.C.620).* L-artikolu 10 tal-**Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu,** *invece* minflok il-kliem *"reasonably justifiable in a democratic society"* juża l-frażi *"necessary in a democratic society"* li hija aktar restrittiva;

M'hemmx dubju li dan id-dritt għal-libertà ta' espressjoni, għalkemm wieħed għażiż u delikat, huwa wkoll wieħed spinuż, kif anki ntqal *in re:* **Calleja vs Balzan** fuq imsemmija. Min-naħa waħda għandek dritt sagrosant u min-naħa l-oħra hemm

l-eċċezzjoni tal-possibbli ġustifikazzjoni ta' interferenza konkretament menomanti dan id-dritt fundamentali fit-termini u għall-finijiet ta' l-artikolu 42(2)(a) tal-Kostituzzjoni''. F'dan, kif fil-fatt jiġri fl-eżami ta' każijiet oħrajn ta' limitazzjonijiet permissibbli għad-drittijiet u libertajiet tutelati (li m'humiex infushom assoluti), ''*a judicious balancing of principles and interests is involved*'' (ara J.J. Cremona, ***Mass Communication Media and the Right to a Fair Trial,*** *Studi di Onore di Mavlio Udina, Giuffrè Editore,* Milan, 1975, Vol. II, paġ. 1510);

L-intimat Aġent Direttur jgħid li r-rikorrent kien soġġett għall-istess dixxiplina applikabbli għall-impjegati fid-Dipartiment. Ħadd minn dawn ma beda jikteb f'ġurnali mingħajr permess. Ir-rikorrenti wkoll irrikonoxxa dan. Meta bagħat għalih l-intimat Drago, huwa nsista miegħu li hu (Cacopardo) ma kienx ''*public officer*'' u allura kull disposizzjoni ristrettiva ma kinitx torbot lilu. Barra minn dan, jidher li r-rikorrenti kien lest li joqgħod għal tali restrizzjoni. Dan jidher mill-fatt li fil-25 ta' Settembru, 1984, **ftit ġranet biss qabel it-tkeċċija tiegħu**, huwa kiteb ittra (ara Dok. X15 – a fol. 69) lid-Direttur fejn qallu kif ġej:

''*Sir,*

*It is my intention to register myself with the Press Register as editor for the bimonthly newspaper* **Għall-Bniedem,** *published by the Nationalist Party Youth Movement. Such registration is required as per section 36 of the Press Act;*

*As it is required that government employees should seek permission from the Establishments Division of the Office of the Prim Minister;*

*I request:*

*(i) a classification as to whether I am presently considered as a government employee or not;*

*(ii) the necessary permission as per above if it is considered that I am a government employee...;*

*Please treat this matter as urgent'';*

Il-Qorti ma tistax tifhem kif awtur ta' tali ittra qiegħed f'din l-istanza jallega li huwa kellu kull dritt li jikteb għax ma jirrikonoxxi ebda restrizzjoni fil-konfront tiegħu. Huwa minnu li hu aktar serju li tkun editur ta' ġurnal milli sempliċi kittieb kontributur ta' artikoli, bħalma huwa minnu wkoll illi l-posizzjoni tar-rikorrenti kienet sadanittant waħda indefinita *a **sui generis.*** Iżda allura kien jinkombi wkoll fuq ir-rikorrent li jużal-prudenza u jara x'inhuma jew x'jistgħu jkunu d-dmirijiet u l-obbligi tiegħu wkoll qabel jikteb f'ġurnali u meta jkun aċċetta ruħu sew dwar l-*istatus* tiegħu. Kif kiteb il-Professur Edwin Busuttil fid-diskors tiegħu intitolat ***The Frontiers of Human Rights*** mogħti fl-okkażjoni tal-*Foundation Day* ta' l-Università Rjali ta' Malta fit-12 ta' Novembru, 1986, in konklużjoni tiegħu:

*"Every right that we enjoy is necessarily hedged about with limitations, for it is the duty of every one of us to see that others enjoy the same rights that we do, just as "it is their duty to see that we are non hindered from enjoying ours. This is the inescapable consequence of living in society and not in splendid isolation in outer space. This is why, both in the international and constitutional spheres, we are perpetually being confronted with the age-old problem of deciding how to achieve a proper*

*balance between the rights and duties of individuals, on the other. And, of course, the problem will be rendered that much easier of solution if all of us were too much concerned with performing our duties as we are with proclaiming our rights. For let us make no mistake about it, the real lesson of living in society, be it national or international, is that human right stops at the frontier of human duty";*

Però din l-imprudenza tar-rikorrenti l-anqas m'għandha teżonera minn kull responsabbilità lill-intimat Aġent Direttur jekk jinstab li dan mexa in vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni. Huwa anzi hawn li jintrometti ruħu l-prinċipju ta' l-ibbalanċjar meqjus bejn interess u ieħor, bejn dak li huwa dritt u dak li hu dover;

L-intimat jiġġustifika d-deċiżjoni drastika tiegħu a bażi ta' "ġusta kawża" fl-interess pubbliku anzi, kif qal hu, minħabba "l-ordni pubblika". Issa għandu jingħad illi fil-każ fuq iċċitat *in re:* **Calleja vs Balzan** intqal, fuq skorta u in bażi ta' deċiżjonijiet oħra mogħtija mill-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li:

"Biex il-libertà ta' l-espressjoni ta' l-individwu tiġi limitata fl-interess ta' l-ordni pubblilku jinħtieġ li dan l-ordni pubbliku jkun mhedded minn perikolu gravi u imminenti *"that rises far above public inconvenience, annoyance or unrest"* – ma' liema proposizzjoni, wara konsiderazzjoni anzjuża ta' l-aspetti kollha li tippreżenta f'materja hekk delikata din il-Qorti, tħoss, in linea ġenerali, li għandha taqbel, b'dan però li f'każ ta' atti esekuttivi ..... l-apprezzament **soġġettiv** (purchè **raġonevoli**) da parti ta' l-uffiċjal pubbliku fdat f'idejh ma jistax ma jinċidix fortement fis-soluzzjoni tal-kwistjoni jekk, bl-aġir tiegħu, intralejax **leġittimament jew le** l-libertà ta' l-espressjoni ta' l-individwu

fl-interess suprem tal-konservazzjoni ta' l-ordni pubbliku''. Fil-kors tat-trattazzjoni finali, l-abili difensur ta' l-intimat silet il-bran ta' kitba, li l-Qorti sejra tipproduċi sabiex juri kemm kien raġonevolment ġustifikat l-intimat Aġent Direttur fil-miżura li huwa ħa. Il-paragrafu, iċċitat b'eżempju, jgħid hekk (ara ġurnal **In-Tagħna** tal-11 ta' Awissu, 1984, Dok. A, fol. 26 tal-proċess, artikolu *page 6,* **Il-Pedament tar-Repubblika**, paragrafu penultimu:

''Min jiftaħar li hu l-Professur tad-Demokrazija għad għandu bżonn jitgħallem li s-sovranità hi tal-poplu, u li l-ebda Parlament m'għandu l-jedd jilleġisla kontra x-xewqat tal-poplu. Aktar u aktar biex iċaħħdu minn drittijiet fundamentali. U għax ir-reġim m'għandux id-dritt li jagħmel dawn il-liġijiet, ħadd m'għandu l-obbligu li jobdihom'';

Il-Qorti tirrikonoxxi li dan il-paragrafu huwa politikament spint u kkargat, iżda bir-rispett kollu lejn id-difensur ta' l-intimati li ċċitah, għadu 'l bogħod mill-minaċċi lejn l-ordni pubbliku f'forma ta' ''perikolu gravi u imminenti'' imsemmijin f'**Calleja vs Balzan**. Mhux kulħadd jikkondividi l-kunċett li kitba ta' kritika tista' tippreżenta minaċċja tali għall-ordni pubblika li għandha tiġi mhux biss ristretta imma ripressa u punita bl-eħrex piena li fiċ-ċirkostanzi setgħet tiġi nflitta. F'artikolu bl-isem *Constitutional Right of Freedom of Speech* miktub minn R.D. Fisher (ara ***Talks on American Law*** *V O A Forum Series, Ed. 4 J. Berman,* Rev. Ed. 1978 Kap. VII, paġ. 100), per eżempju, ġie ssuġġerit illi:

''..... *Free expression is a means of developing public opinion. Free expression is an aid to an intelligent choices. And free expression provides an opportunity to make a choice. New*

*and better ideas are most likely to be developed in a community which allows free discussion of any ideas. Without discussion, who can be sure which ideas are right and which ideas are wrong? Finally, freedom of expression serves as an outlet for resentments and hostitilites that other wise might find more dangerous expression";*

Sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni ta' l-intimat m'huwiex biżżejjed li tiġi ċċitata liġi, jew xi provvediment tagħha, li tkun raġonevolment meħtieġa fl-interess ta' l-ordni pubbliku imma wkoll **li l-ħaġa magħmula** (f'dan il-każ tkeċċija mill-impjieg) taħt din il-liġi jew provvediment, **tkun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika**. Il-Qorti, fil-waqt li tirrikonoxxi li l-Aġent Direttur seta' ħa passi restrittiva kontra r-rikorrenti **wara** li kienet iċċarata l-posizzjoni dwar l-*istatus* ta' Cacopardo u tali kjarifika miġjuba a konjizzjoni tiegħu (tar-rikorrenti), f'**kull każ** tħoss li r-raġuni mogħtija minn dan l-intimat bil-fomm dik jiġifieri li ser jitkeċċa għax kiteb f'ġurnali *(sic)* u kif ikkomunikata attwalment l-imsemmija tkeċċija f'forma ta' ittra priva minn kull spjegazzjoni jew tagħrif ta' kwalsiasi natura tammonta għal att **mhux raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika** bħalma hija dik tagħna. Għalhekk, u għalkemm b'ċertu ammont ta' riserva kif fuq ingħad, il-Qorti tiddeċidi li f'dan ir-rigward ukoll l-intimat Aġent Direttur bħala l-uffiċjal inkarigat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet aġixxa bi ksur tal-libertà ta' l-espressjoni kif ikkontemplata fl-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u ta' l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet li bih għar-raġunijiet hemm imsemmija talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti ta' l-istess

sentenza fejn illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-Ministru tax-Xogħlijiet bl-ispejjeż kontra r-rikorrent appellat u tirrevoka dik il-parti ta' l-istess sentenza fejn ġie ddikjarat (1) li l-Qorti għandha tisma' u tiddeċidi l-każ (2) illi t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet tammonta għal diskriminazzjoni minħabba l-opinjoni politika tiegħu, kif ukoll, għalkemm b'ammont ta' riserva, kienet tikser id-dritt għal-libertà ta' espressjoni; (3) ħassret b'ordni tagħha dina t-tkeċċija mill-impjieg; (4) u konsegwentement ikkundannat lill-Aġent Direttur iħallas lil Ċarmel Cacopardo s-salarju, *bonus,* u kumpensi u benefiċċji oħra mingħajr tnaqqis u għal liema seta' kkwalifika b'effett mid-data tat-tkeċċija, bl-ispejjeż u minflok wara li tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tar-rikorrenti appellanti tiċħad it-talbiet kollha ta' l-appellat bl-ispejjeż kontrih;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Carmel Cacopardo li bih għar-raġunijiet fih imsemmija talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata limitatament in kwantu lliberat lill-intimat Ministru tax-Xogħlijiet mill-osservanza tal-ġudizzju, u timmodifikaha billi filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza fil-mertu tirrespinġi t-tieni parti tar-risposta ta' l-intimati u tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent anke fil-konfront ta' l-intimat Ministru tax-Xogħlijiet, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

L-ewwel kwistjoni li għandha u li sejra tiġi investita hija dik li tirrigwarda t-talba tar-rikorrent appellant Carmel

Cacopardo għar-revoka tas-sentenza appellata in kwantu l-istess sentenza lliberat lill-intimat Ministru tax-Xogħlijiet mill-osservanza tal-ġudizzju;

Il-kwistjoni li tifforma l-mertu ta' dan l-appell, jiġifieri jekk l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet ġiex imħarrek inutilment, fil-fehma tal-Qorti, issib, fil-każ preżenti, is-soluzzjoni tagħha fiċ-ċirkostanzi ta' fatt li jirriżultaw mix-xiehda. Il-Qorti għalhekk sejra teżamina d-diversi depożizzjonijiet inkwantu jirrigwardaw il-kwistjoni sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Minn eżami ta' l-imsemmija deposizzjonijiet li ġew riprodotti *in extenso* mill-Qorti jemerġu dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. L-inizjattiva biex jittiedħu l-passi li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrent ittieħdet mill-Ministeru. Dan jirriżulta mhux biss mid-deposizzjoni ta' l-intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet meta qal li s-superjuri tiegħu bagħtu għalih u li meta mar il-Ministeru urewh l-artikoli miktuba mir-rikorrent imma anke mid-deposizzjoni tax-xhud Tony Borg, li jagħmel *"duties"* ta' Segretarju privat ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u huwa uffiċjal fil-Ministeru meta xehed li kien bagħat għall-intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet u kellmu dwar l-istess artikoli u qallu li "fl-opinjoni tagħna" għandhom jittieħdu passi għat-tkeċċija ta' min kitibhom;

2. L-imsemmija inizjattiva ttieħded wara li l-istess xhud

Tony Borg kien irrefera l-każ lis-superjur dirett tiegħu, jiġifieri, l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet li qabel li għandhom jittieħdu l-istess passi. Dan jirriżulta mid-deposizzjoni ta' l-istess Tony Borg;

3. Mhux biss ittieħdu l-passi li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrent fuq inizjattiva tal-Ministeru wara li ġiet ottenuta l-approvazzjoni ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet imma l-istess Ministeru ħa parti attiva a rigward tal-passi li kellhom jittieħdu u, kif jidher mid-deposizzjoni ta' l-intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, wara li rċevew (u hawnhekk kien qed jirreferi għalih u għall-Ministru) il-parir ta' l-*Attorney General* li l-każ ma kienx jiġi taħt il-*Public Service Commission,* fil-kliem ta' l-istess intimat "**Aħna** (sottolinear tal-Qorti) assumejna r-responsabbilità fuqna fis-sens li allura d-Direttur kellu s-setgħa li jittermina l-impjieg tar-rikorrent", kif fil-fatt itterminah wara li ġiet approvata mill-Ministeru l-ittra ta' terminazzjoni;

4. Għalkemm l-intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet jgħid li l-każ kien jaqa' fil-kompetenza tiegħu u li hu ħa d-deċiżjoni, ħaġa din ripetuta mix-xhud Borg, il-Qorti ma tistax tinjora dak li l-istess intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet kien xehed qabel huwa stess li: "**Jiena ġejt mogħti istruzzjonijiet** (sottolinear tal-Qorti) sabiex nieħu passi dixxiplinarji kontra r-rikorrent". Lanqas ma tista' l-Qorti tinjora dak li qal ix-xhud Michael Debono li xehed li l-intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet kien qal lir-rikorrenti li "l-**ordni li kellu** (sottolinear tal-Qorti) kienet biex jgħaddilu dik l-ittra (i.e. ta' tkeċċija) u li jara li tiġi obduta". Dan kollu ma jistax ħlief ifisser li għalkemm id-deċiżjoni ittieħdet u ġiet ikkomunikata materjalment mill-intimat Aġent

Direttur, din id-deċiżjoni materjalment mill-intimat Aġent Direttur, din id-deċiżjoni tiegħu ttieħdet fuq ordni u fuq istruzzjonijiet tal-Ministeru, li da parti tiegħu kien qed jaġixxi bl-approvazzjoni ta' l-intimat l-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet. Huwa evidenti li mingħajr dik l-approvazzjoni ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet il-Ministeru ma kienx jagħti lill-intimat l-ieħor Aġent Direttur tax-Xogħlijiet l-ordni u l-istruzzjonijiet fuq imsemmija li bħala konsegwenza tagħhom u in esekuzzjoni tagħhom ittieħdet id-deċiżjoni ta' tkeċċija mill-intimat Aġent Direttur tax-Xogħlijiet;

F'dawn iċ-ċirkostanzi li jemerġu mill-provi u li kontrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, juru ampjament li l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijeit u l-Ministeru tiegħu kienu involuti fil-viċenda, ma jistax jingħad illi l-istess intimat ġie mħarrek inutilment;

Ikkunsidrat:

Fir-rigward ta' l-appell magħmul mill-Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u l-Aġent Direttur tax-Xogħlijiet, l-ewwel aggravju miġjub fir-rikors relattiv (para. 5(a) tar-rikors) huwa fis-sens illi "l-Qorti kellha tirreferi l-każ lit-Tribunal Industrijali skond l-artikolu 40(2) ta' l-*Education Act, 1976";*

Dan l-aggravju ovvjament jallaċċja ruħu ma' l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimati appellanti fejn issottomettew illi r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedju li jadixxi t-Tribunal Industrijali, u għalhekk il-Qorti, għat-tenur ta' l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni, kellha tiddeklina li teżerċita s-setgħat fiha vestiti bl-istess subartikolu tal-Kostituzzjoni;

L-imsemmi artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni jinvesti lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' l-istess artikolu, u jawtorizza lill-Qorti msemmija "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikolu 34 sa 46 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata *dik il-persuna*";

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju, għalhekk, li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ in eżami kellha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi t-talbiet tar-rikorrent u, jekk jidhrilha li hekk għandha tagħmel, tagħti r-rimedju jew rimedji xierqa għall-każ;

*Fil-kliem tal-proviso għall-istess subartikolu, imbagħad, il-*Qorti **tista', jekk jidhrilha li jkun desiderabbli li hekk tagħmel**, tirrifjuta li teżerċita dawn is-setgħat mogħtija lilha f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun irrikorriet lejha skond xi liġi oħra;

Jidher *altru li ċar mill-kliem ta' dan il-proviso li*, anke fl-ipotesi li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tkun sodisfatta li għar-rikorrent ikun hemm jew kien hemm rimedji oħra li ma ġewx eżawriti, xorta waħda tista' tiddeċidi li tisma' u tiddeċidi l-każ li jekk jidhrilha li ma jkunx desiderabbli li tiddeklina. Kif kellha okkażjoni tgħid, din il-Qorti (diversament kostitwita) fis-sentenza tagħha tal-31 ta' Awissu, 1977, fil-kawża "Spiteri *vs* Onor. Prim Ministru et", "il-Qorti adita għandha tikkunsidra u tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti biex tara jekk fid-dawl tagħhom deklinazzjoni tali hijiex, kif tgħid id-disposizzjoni, "*desirable*".

Meta, però, tiġi hekk eżerċitata diskrezzjoni tali, jakkwista rilevanza prattika l-prinċipju wisq drabi affermat ..... illi bħala regola Qorti ta' sekonda istanza ma tiddisturbax id-diskrezzjoni mogħtija lill-Qorti ta' prim'iatanza u minnha eżerċitata jekk mhux għal raġuni gravi bħal li kieku dik il-Qorti tkun eżerċitata illegalment jew b'mod manifestament erronju jew inġust id-diskrezzjoni tagħha'';

Ikun, per eżempju, manifestament erronju u inġust u anke illegali li l-Qorti tiddeklina li teżerċita s-setgħat lilha mogħtija jekk fil-fatt ma jkun hemm jew ma kienx hemm rimedji oħra li seta' jeżawrixxi min ikun irrikorra lilha, u allura każ bħal dan ikun jirrikjedi reviżjoni tad-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti minn din il-Qorti;

fil-każ in eżami, però, fejn l-ewwel Qorti għażlet li ma tiddeklinax milli teżerċita s-setgħat li tagħtiha l-Kostituzzjoni, ma hemm l-ebda illegalità u l-anqas ma jista' jingħad li d-diskrezzjoni ġiet użata b'xi mod manifestament erronju jew inġust u għalhekk din il-Qorti mhix ġustifikata tiddisturba d-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Għal dak li jirrigwarda l-mertu ta' l-appell – u *in vista* ta' dak li ġà ntqal dan issa jirrigwarda liż-żewġ intimati Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Aġent Direttur tax-Xogħlijiet – ir-rikorrent Carmel Cacopardo fir-rikors tiegħu promotorju tal-ġudizzju jallega l-ksur fil-konfront tiegħu ta' żewġ drittijiet fundamentali protetti mill-Kostituzzjoni, ċjoè dawk rispettivament protetti bl-artikoli 46 u 42;

L-ewwel Qorti rravizzat vjolazzjoni ta' dawn iż-żewġ disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, għalkemm fil-każ ta' l-artikolu 42 waslet għal din il-konklużjoni "b'ċertu ammont ta' riserva";

Biex nibdew mill-kwistjoni in kwantu tirriferixxi għall-allegat ksur ta' l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni – ispirat mill-artikolu 10 tal-*"Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms"* – *jingħad mill-ewwel illi d-dritt* tal-libertà ta' espressjoni protett b'dan l-artikolu, kif jidher ċar kemm mill-kliem ta' l-imsemmi artikolu 10, kemm minn dak ta' l-istess artikolu 42, u kif ukoll kif ġie bosta drabi ritenut f'ġurisprudenza sija lokali u sija estera, m'huwiex wieħed assolut, iżda huwa neċessarjament ċirkoskritt minn esiġenzi *ta'* ordni pubbliku, sigurtà pubblika, u konsiderazzjonijiet oħra;

Importanti jiġi rrilevat ukoll illi, għad-differenza ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni diġà msemmija li jibda bl-enunċjazzjoni tal-prinċipju ġenerali: *"Everyone has the right to freedom of expression"*, l-artikolu 42 tal-Kostituzzjoni tagħna juża l-kliem: *"Except with his own consent ..... no person shall be hindered in the enjoyment of his freedom of expression....."*. Minn dan jemerġi, għalhekk, illi, oltre l-limitazzjonijiet stabbiliti mill-Kostituzzjoni, l-istess Kostituzzjoni tipprevedi wkoll il-każ ta' min jakkonsenti minn jeddu, bl-għażla tiegħu, għal xi limitazzjoni għad-dritt tal-libertà ta' espressjoni, bil-konsegwenza li allura kull limitazzjoni li wieħed ikun soġġett għaliha f'każijiet simili ma tistax titqies li tkun tammonta għal vjolazzjoni tad-dritt in eżami;

Fir-rikors tiegħu li bih oriġinaw il-proċeduri preżenti r-rikorrent appellat jibda biex jgħid li huwa "jaħdem fit-Taqsima tad-Drenaġġ tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet", li kien ġie avżat

li kien ser jiġi "mkeċċi mill-impjieg", u fil-fatt it-tkeċċija tiegħu ġiet ikkomunikata lilu bil-miktub fit-8 ta' Ottubru, 1984, mingħajr ma ngħatat raġuni bil-miktub għaliha". Fix-xiehda tiegħu a fol. 9 tal-proċess l-istess rikorrent jgħid: "Jiena ġejt impjegat mal-Gvern fl-20 ta' Settembru, 1978. Kont iffirmajt kuntratt bħala "student-ħaddiem", u iktar tard: "wara li temmejt il-kors ma ħadtx il-*"warrant"* ..... jiena bqajt naħdem fl-istess Dipartiment (i.e. tax-Xogħlijiet) però bqajt nirċievi salarju bħal qabel mill-Gvern *tramite* d-Direttur tax-Xogħlijiet";

Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju, għalhekk, li r-rikorrent imsemmi kellu kariga bi ħlas fis-servizz pubbliku, ċjoè fis-servizz tal-Gvern ta' Malta (art. 126(1) tal-Kostituzzjoni), u m'hemmx għal fejn jingħad li kien l-istess rikorrent bl-att volontarju tiegħu, li għażel li jidħol f'din il-kariga, taħt il-kondizzjonijiet li jiddixxiplinaw karigi simili, fosthom dik li tillimita d-dritt li wieħed jippubblika *"in any manner anything which may reasonably be regarded as of a political or administration nature" (Estacode, 7.1.13);*

Bil-kunsens tiegħu, ir-rikorrent Cacopardo, meta aċċetta kariga bi ħlas fis-servizz tal-Gvern, kien qiegħed jassoġġetta ruħu għal-limitazzjoni msemmija tad-dritt tiegħu tal-libertà ta' espressjoni, u għalhekk ma jistax jingħad li fil-konfront tiegħu kien hemm ksur tad-dritt protett mill-imsemmi artikolu 42 tal-Kostituzzjoni kif minnu allegat;

Fir-rigward ta' l-allegat ksur ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, fuq il-bażi tal-provi prodotti l-unika konklużjoni li wieħed jista' jasal għaliha hija dik raġġunta mill-ewwel Qorti, u din il-Qorti ma tara li hemm xejn iktar li jista' utilment jiżdied mal-motivi li wasslu lil dik il-Qorti tiddeċidi f'sens pożittiv għar-

*rikorrent il-kwistjoni dwar diskriminazzjoni*. Fir-rikors ta' l-appell l-intimati appellanti jissottomettu li ma kienx hemm diskriminazzjoni għax ma jirriżultax li fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet kien hemm min ippubblika bħar-rikorrent Cacopardo u ma ttieħdux passi kontra tiegħu. Dawk li jirriżulta li ppubblikaw artikoli ta' natura politika bla ma ttieħdu passi dixxiplinarji kontra tagħhom jappartjenu lil dipartimenti tal-Gvern oħra. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument. Il-Gvern huwa wieħed, u *kull dipartiment huwa parti mill-istess Gvern*. *Għall-finijiet* ta' diskriminazzjoni wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni dak li jagħmel il-Gvern *"quid unum"* fil-konfront ta' dawk li qegħdin fis-servizz tiegħu, ikunu f'liema dipartiment ikunu;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, tiddeċidi, billi tiddisponi miż-żewġ appelli kif ġej, ċjoè billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:

1. tirrevokaha in kwantu lliberat lill-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ssollevata fil-paragrafu (2) tar-risposta ta' l-intimati (fol. 5 tal-proċess);

2. tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li l-ewwel Qorti għażlet li tisma' u tiddeċidi l-każ hi, skond il-Kostituzzjoni;

3. tirrevokaha in kwantu ddikjarat, għalkemm b'ammont ta' riserva, illi t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet bi ksur tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni, u tiddikjara minn flok illi, għar-raġunijiet premessi, ma kienx hemm ksur ta' dan id-dritt;

4. tikkonfermaha in kwantu ddikjarat illi t-tkeċċija tar-rikorrent mill-impjieg kienet tammonta għal diskriminazzjoni

minħabba fl-opinjoni politika tiegħu u in kwantu ordnat it-tħassir ta' l-ordni tat-tkeċċija tar-rikorrent u stabbilit ir-rimedji opportuni – biż-żieda li, *in vista* ta' dak li diġà ġie deċiż, l-istess dikjarazzjoni u konsegwenzjali ordni u rimedji japplikaw anke fil-konfront ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet;

5. tirrevokaha in kwantu tirriferixxi għall-kap ta' l-ispejjeż, u minn flok tiddeċidi li l-ispejjeż kollha ta' l-ewwel istanza għandhom jiġu ssopportati kwantu għal kwart (¼) mir-rikorrent u tliet kwarti (¾) mill-intimati. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu, kwantu għall-appell magħmul mir-rikorrent, mill-intimati; u kwantu għall-appell magħmul mill-intimati, terz (⅓) mir-rikorrent u żewġ terzi (⅔) mill-intimati.